# Stqarrija Għall-Media

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 28/01/09 |
| **Ref:** | KDŻ 02/09 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Konkors Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ 2009
## Jiftħu l-Applikazzjonijiet

Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) tixtieq tavża li għadhom kif fetħu l-applikazzjonijiet għall-Konkors Kanzunetta Uffiċjali Jum iż-Żgħażagħ 2009, liema konkors ser isir nhar is-Sibt 18 ta' April 2009. F'dan il-konkors, dawk il-bands li huma interessati li jipparteċipaw, huma mitluba jiktbu kanzunetta oriġinali fuq it-tema magħżula mill-Papa Benedittu XVI għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2009. Ta' kull sena, il-Papa jagħżel tema biex takkumpanja liż-żgħażagħ u din is-sena it-tema magħżula hi: It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj (1 Tim 4, 10).

Il-kanzunetta, li tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż għandha tiġi sottomessa sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2009 fl-Uffiċini tal-KDŻ li jinsabu f'492/3 Triq il-Kbira San Ġuzepp, Sta. Venera SVR 1070.

Dan il-konkors huwa r-raba' wieħed tax-xorta tiegħu u fil-konkorsi tas-snin li għaddew ħadu sehem mhux anqas minn 15-il band differenti. L-għan prinċipali hu li jipprovdi esperjenza lill-bands li jipparteċipaw li jesprimu s-sinjifikat tat-tema proposta bil-mod partikolari tagħhom u kif, flimkien ma' *bands* oħra, ikomplu jagħtu ħajja lill-Kelma t'Alla fi żmienna.

Il-Konkors huwa parti minn proġett akbar li jismu *Awakening Asaph*. Aktar dettalji fuq dan il-proġett u kif ukoll informazzjoni fuq l-applikazzjoni u l-gwida għall-parteċipanti jinsabu fis-sit www.awakeningasaph.org. Wieħed jista' wkoll jibgħat email fuq info@awakeningasaph.org.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ